



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DIRETTORAT ĠENERALI

ĠĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI

Tassazzjoni diretta, Koordinazzjoni tat-Taxxa, Analiżi u Evalwazzjoni Ekonomika
Affarijiet Legali — tassazzjoni diretta

L-għeluq ta' lment multiplu dwar allegat ksur minn Spanja tar-regoli tal-UE dwar il-moviment liberu tal-kapital

Numru ta' referenza: CHAP(2021)1080

Din il-komunikazzjoni mingħand is-servizzi tal-Kummissjoni tirrigwarda għadd kbir ta' lmenti dwar reġim tat-taxxa Spanjol li japplika għall-introjtu li jkun ġej mill-kiri ta' proprjetà minn kontribwenti mhux residenti minn pajjiżi terzi (jiġifieri persuni b'residenza għal finijiet ta' taxxa f'pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE)).

Peress li ma tqajmet l-ebda evidenza ġdida u lanqas argumenti ġodda mill-ilmentaturi meta mqabbla mal-korrispondenza preċedenti wara l-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni fit-7 ta' Lulju 2021, il-każ se jingħalaq fid-data tal-pubblikazzjoni ta' din il-komunikazzjoni għar-raġunijiet spjegati fil-komunikazzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni li tinsab fl-indirizz li ġej fis-sit web Europa:

https://ec.europa.eu/info/how-make-complaint-eu-level/joining-similar-complaints/acknowledgements-receipt-multiple-complaints_mt.